MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru. 283/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**CLAUDIO CASSAR**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Claudio Cassar bin Salvu u Flavia nee Grech residenti Nru 50, Triq L-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 4776 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju u fix-xhur ta' qabel uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih kien gie provdut, jew naqas milli josserva dak li ghalih kien gie provdut , jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-

telekomunikazzjoni jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sew.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni Angela Cassar, Joe Azzopardi, Spettur Maurice Curmi, WPC 160, PC 610 u lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 39 (1) (d) tal-Kap 399;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi saru diversi telefonati ghand Angela Casssar mill-mobile ta’ l-imputat u dan gie pruvat mir-rapprezentant tal-Maltacom;

Illi l-imputat ma cahadx illi n-numru 79710384 jghajjat lilu u ghalhekk m’hemmx dubju li dawn it-telefonati saru ghand l-imputat. L-imputat pero` cahad li kien hu li ghamel dawn it-telefonati pero` legalment xorta jibqa’ responsabbli ghalih.

Rat illi Angela Cassar irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imputat u ghalhekk iddikjarat li m’ghadx ghandha nteress fl-ezitu ta’ dawn il-proceduri u konsegwentement minhabba r-rinunzja ghalhekk il-Qorti ssibu hati ta’ din l-akkuza u tikkundannah ghall-canfira.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------